MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 68/1998/1

**Dolores xebba Galea u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2002 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Dottor Carmelo Galea, Mary Rose sive Maris mart Saviour Bajada, Albert, Mary Assunta sive Sonia Bonnici lkoll aħwa Galea, u Victor Galea minflok Dolores Galea li mietet fil-mori tal-kawża;**
**Saviour Galea u b'nota tal-1 ta' Novembru 1999, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Carmela xebba Galea f'isimha u bħala mandatarja ta' ħutha u għan-nom tagħha u ta' ħutha Vitorja mart Joseph Sultana, Eucharistico u Anthony aħwa Galea, li taċċetta t-trasfużjoni tal-ġudizzju sabiex tidher minflok il-mejjet missierha Salvatore Galea;**
**Victor Galea;**
**l-Avukat Dottor Carmelo Galea;**
**Maria Assunta sive Maris mart Saviour Bajada;**
**Albert Galea; u**
**Maria Assunta sive Sonia mart Joseph Bonnici**

**vs**

**Pia mart Anthony Muscat;**
**U b'digriet tal-14 ta' April 1998 Pia Muscat ġiet nominata kuratur**
**deputat sabiex tirrapreżenta lill-imsefrin Nazzareno Galea, Victor Galea, Carmel Galea, Alfred Galea, Alfonse Galea, Eukaristiku Galea,**
**Giovanni Galea, Maria mart Stephen Zammit u b'digriet tal-14 ta'**
**l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat kuratur deputat**
**sabiex jirrappreżenta lil Maria mart Stephen Zammit, Salvina mart**
**Paul Galea u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 1998 ġie kjamat fil-kawża Giuseppe Galea, u b'digriet tat-30 ta' Diċembru 1998 Pia Muscat**
**ġiet nominata bħala kuratur deputat biex tirrapreżenta lill-imsiefer Giuseppe Galea, ilkol aħwa ulied il-mejjet Anthony Galea;**
**u lil Marianne Galea, Christophe Galea, Rosanna Galea, Daniel Galea, Anthony Galea, u Teresa Galea ilkoll aħwa ulied il-mejjet Emanuel Galea**

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi Albert sive Alfonso Galea, ġia bin il-mejtin Saviour u Anna nee' Xerri, miet fix-Xagħra, Għawdex fit-tmintax (18) ta' Ottubru elf disa mija u sittin (1960), u dan irregola is-suċċessjoni tiegħi bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Francesco Cacui tan-tnax (12) ta' Settembru tal-elf disa mija u ħamsa u erbgħin (1945); li bih ħalla b'titolu ta' prelegat lill-attriċi Dolores Galea il-fond numru dsatax (19) Triq Ħamet, Xagħra, Għawdex u innomina lil uliedu kollha bħala eredi universali tiegħu;

Illi Caterina mart l-istess Albert sive Alfonso Galea kienet mietet fid-disgħa (9) ta' Novembru elf disa mija tlieta u erbgħin (1943), intestata u għalhekk wirtuha ex lege uliedha kollha;

Illi l-konjuġi Galea kellhom seba' ulied, ċjoe' Joseph, Anthony, Salvu, Emanuel, Maria xebba, Cristina magħrufa bħala Ewkaristika mart Joseph Galea, u Dolores xebba u għalhekk il-wirt tagħhom għadda fuq dawn is-seba' ulied fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi Josep Galea kien miet fl-1968 u wirtu inbu uniku Joseph Galea, illi a sua volta miet fit-tnjejn (2) ta' Diċembru elf disa mija tmienja u tmenin (1988) u wirtuh l-erbat uliedu Avukat Dottor Carmelo, Mary Rose, Albert u Maria Assunta – atturi – fi kwota ta' kwart kull wieħed;

Illi Cristina magħrufa bħala Ewkaristika Galea mietet fit-tmintax (18) ta' Lulju elf disa mija tlieta u disgħin (1993) u lil din wiritha binha uniku Victor Galea, l-attur;

Illi Emanuel Galea miet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu elf disa mija u wieħed u tmenin (1981) u bis-saħħa tat-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tal-elf disa mija disgħa u sittin (1969) huwa innomina bħala eredi universali tiegħu liż-żewġ ħutu Maria u Dolores Galea;

Illi Maria Galea mietet fis-sitta (6) ta' Ottubru elf disa mija disgħa u tmenin (1989) u bis-saħħa tat-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tal-elf disa mija disgħa u sittin (1969) hija innominat eredi universali tagħha lil oħtha Dolores Galea, l-attriċi;

Illi Antonio Galea kien miet intestat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru elf disa mija ħamsa u sebgħin (1975), u lil dan wirtuh ab intestato fi kwota ta' parti waħda minn tnax kull wieħed u waħda l-ħdax-il uliedu Pia mart Anthony Muscat, Nazzareno Galea, Victor Galea, Carmel Galea, Alfred Galea, Alfonse Galea, Eukaristiku Galea, Giovanni Galea, Maria maart Stephen Żammit, Salvina mart Paul Galea, Giuseppe Galea lkoll aħwa ulied il-mejjet Anthony

Galea; u fir-rimanenti parti waħda minn tnax (1/12) Marianne Galea, Christophe Galea, Rosanna Galea, Daniel Galea, Anthony Galea, u Teresa Galea ilkoll aħwa ulied il-mejjet Emanuel Galea illi kien iben ieħor ta' Antonio Galea u illum miet;

Illi għalhekk il-beni provenjenti lill-kontendenti mill-wirt ta' Albert u Katarina konjuġi Galea u illi ma tħallewx bi prelegat mill-istess Albert Galea, illum jappartjenu kwantu għal tlett settimi (3/7) indiviżi lill-attriċi Dolores Galea, settima parti l-attur Salvu Galea; settima parti l-attur Victor Galea; settima parti oħra l-atturi Avukat dottor Carmelo Galea, Mary Rose Bajada, Albert Galea, u Maria Assunta Bonniċi ugwalment bejniethom; u ir-rimanenti settima parti lill-konvenuti ilkoll bejniethom fil-kwoti indikati fil-paragrafu immedjatament preċedenti.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti lillhom mill-wirt u suċċessjoni tal-antenati tagħhom; mentri il-konvenuti qegħdin jirrifjutaw illi jersqu għal tali diviżjoni.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida il beni ġia formanti il komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Albert sive Alfonso u Katarina konjuġi Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill assi partikoli ta' Albert sive Alfonso Galea u lill assi partikolari ta' Katarina Galea;

3. Tillikwida il beni partikolari ta' Albert sive Alfonso Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-attriċi Dolores Galea fil-prelegat ordnat favur tagħha minn

missierha Albert Galea, u tiddividi ir-rimanenti minn dawn il-beni f'seba' porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati kwantu għal tlieta lill-attriċi Dolores Galea; waħda kull wieħed lill-atturi Victor u Salvu Galea; oħra lill-Avukat Dottor Carmelo Galea, Mary Rose Bajada, Albert Galea , u Maria Assunta Bonniċi  fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom; u r-rimanenti settima parti lilkom konvenuti fil-kwota ta' dodicesima kull wieħed u waħda lil Pia mart Anthony Muscat, Nazzareno Galea, Victor Galea, Carmel Galea, Alfred Galea, Alfonse Galea, Eukaristiku Galea, Giovanni Galea, Maria mart Stephen Żammit, Salvina mart Paul Galea, Giuseppe Galea lkoll aħwa ulied il-mejjet Anthony Galea; u fir-rimanenti parti waħda minn tnax (1/12) Marianne Galea, Christophe Galea, Rosanna Galea, Daniel Galea, Anthony Galea, u Teresa Galea ilkoll aħwa ulied il-mejjet Emanuel Galea;

5. Tillikwida il beni partikolari ta' Katarina Galea billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Tiddividi dawn il-beni f'seba' porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati kwantu għal tlieta lill-attriċi Dolores Galea; waħda kull wieħed lill-atturi Victor u Salvu Galea; oħra lill-Avukat Dottor Carmelo Galea, Mary Rose Bajada, Albert Galea, u Maria Assunta Bonniċi fi kwota ugwali u indiviżi bejniethom; u r-rimanenti settima parti lilkom konvenuti fil-kwota ta' dodicesima kull wieħed u waħda lil Pia mart Anthony Muscat, Nazzareno Galea, Victor Galea, Carmel Galea, Alfred Galea, Alfonse Galea, Eukaristiku Galea, Giovanni Galea, Maria mart Stephen Żammit, Salvina mart Paul Galea, Giuseppe Galea, ilkoll aħwa ulied il-mejjet Anthony Galea; u fir-rimanenti parti waħda minn tnax (1/12) Marianne Galea, Christophe Galea, Rosanna Galea, Daniel Galea, Anthony Galea, u Teresa Galea ilkoll aħwa ulied il-mejjet Emanuel Galea;

7. Taħtar Nutar pubbliku u tiffissa il jum , ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. Fin-nuqqas, f'każ illi jirriżulta illi l-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna il-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti kif ingħad hawn fuq.

Bl-ispejjż.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament minn Dolores Galea.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Preliminarjamnet in-nullita taċ-Ċitazzjoni stante li fl-elenku tad-dokumenti jeżistu korrezzjoni li ma humiex skond kif titlob il-liġi;

2. Illi fit-tieni lok jiġi preċiżat illi Pia Muscat l-eċċipjenti, aċċettat il-bandu għal ħatra ta' kuraturi sabiex tirrapreżenta uħud mill-konvenuti u mhux lil konvenuti kollha;

3. Illi jrid jiġi pruvat illi l-atturi kollha taw il-kunsens tagħhom sabiex timxi din il-kawża. Fil-fatt dan ma ingħatx minn l-atturi kollha;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, il-ġudizzju ma huwiex integru stante li wieħed mill-werrieta ta' Antonio Galea, preċiżament Giuseppe Galea ma ġiex imħarrek;

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi iridu qabel xejn jippruvaw illi d-denunzji tal-persuni li tal-wirt tagħhom qed tintalab diviżjoni ġiet debitament preżentata;

6. Illi l-atturi huma żbaljati meta fiċ-ċitazzjoni tagħhom premettew illi Albert sive Alfonso Galea u martu Caterina kellhom sitt ulied;

7. Illi ma hux minn li l-wirt ta’ Antonio Galea spetta ab intestato lill partijiet imsemmija fiċ-citazzjoni biss;

8. Illi l-anqas huwa minnu illi Marianne Galea, Cristopher Galea, Rosanna Galea, Daniel Galea u Teresa Galea ilkoll ulied il-mejjet Emmanuel Galea jirtu bejniethom waħda minn ħdax (1/11);

9. Illi salv il-premess l-eċċipjent la qatt opponew u lanqas jopponu it-talba għal likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni posseduti in komun bejn il-kontendenti salv il-verifika tal-kwoti u tal-konsistenza ta’ l-assi ereditarji. Minn naħa l-oħra kien l-konvenuti li dejjem interpellaw anke b’ittri uffiċjali (Dok. A u Dok. B) lil atturi sabiex jersqu għal din il-likwidazzjoni. Għal din ir-raġuni l-eċċepjenti ma għandhom ibatu xejn minn l-ispejjes;

10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

11. Illi salv il-premess il-konvenut Dottor Kevin Mompalao fil-kwalita tiegħu fuq premessa mhux edott għal fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu għal provi miġjuba, b’dan illi kemm il-darba jirriżulta l-każ jirriserva li jġib l-eċċezzjonijiet tiegħu kemm il-darba jirnexxilu jikkomunika ma l-assenti li l-interssi tagħha huwa qed jirrapreżenta.

12. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta’ Pia Muscat.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 1998 minn fejn jirriżulta li l-konvenuti rtiraw l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tagħhom.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 1998 fejn innominat lill-A.I.C. Saviour Micallef bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppresentata fis-7 ta' Marzu 2006 u minnu maħlufa fl-4 ta' Settembru 2006.
Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni formanti parti mill-ereditajiet ta' Albert sive Alfonso u Caterina konjuġi Galea.

Illi preliminarjament il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet li jeħtieġu jiġu konsidrati qabel ma jiġi ttrattat il-mertu tal-kawża. Kif ġia ntqal, l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet ġew irtirati fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 1998.[1] It-tieni eċċezzjoni hija iktar kjarifika milli eċċezzjoni. Rigward ir-raba' eċċezzjoni saret il-kjamata fil-kawża meħtieġa ta' Giuseppe Galea, wieħed mill-eredi li kien tħalla barra, permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta'Ottubru 1998,[2] u għalhekk din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata. Dwar il-ħames eċċezzjoni, ġew ippresentati kopji tad-denunzji tas-suċċessjoni relattivi, permezz tan-Nota ta' l-atturi tat-2 ta' Novembru 1998.[3] Dwar l-eċċezzjonijiet numri sitta, sebgħa u tmienja, l-atturi permezz tar-rikors tagħhom tas-6 ta' Ottubru 1998 talbu l-korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni skond kif indikat fl-istess rikors,[4] u l-Qorti laqgħet it-talba.[5]

Jibqa' biss għalhekk sabiex jiġi konsidrat il-mertu ta' din il-kawża ta' diviżjoni ta' beni ereditarji pposseduti in komun bejn il-kontendenti. Mir-relazzjoni tal-perit tekniku, [6] jirriżulta li l-beni in diviżjoni huma s-segwenti:

---

[1] Ara verbal a fol. 58 tal-process
[2] Ara digriet a fol.60
[3] A fol. 66 u dokumenti annessi a fol. 67 - 87
[4] A fol.62
[5] Ara digriet fl-istess pagna
[6] A fol. 121 -124

1. biċċa art "ta' Ġermida" limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca tlett mija wieħed u sittin punt deċimali disgħa metri kwadri (361.9m.k.), konfinanti mit-tramuntana u lvant ma' beni tal-eredi ta' Antonio Galea u nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Pinu Żammit; din ġiet stmata mill-perit tekniku tal-valur ta' għaxart elef lira maltija (Lm10,000), illum tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23293.73ċ), u tinsab murija fuq il-pjanta annessa bħala Dok.SM 1 ma' l-istess relazzjoni;[7]

2. raba' magħruf "ta' Ħamet" fi Triq tal-Qaċċa, Xagħra, Għawdex ikejjel ċirca mija u sitta metri kwadi (106m.k.) u jmiss tramunata mat-triq, lvant mal-eredi ta' Antonio Galea u punent ma' beni ta' Carmelo Azzopardi; dan ġie stmat mill-perit tekniku tal-valur ta' ħamsin elf lira maltija (Lm50,000), illum mija u sittax il-elf erbgħa mija tmienja u sittin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€116,468.66ċ);

3. benefikati li saru fil-fond numru 19, Triq Ħamet, illum Triq tal-Qaċċa, Xagħra, Għawdex, imħolli bi prelegat mid-decujus Albert Galea, lil bintu Dolores xebba Galea, permezz tat-testment tiegħu tat-12 ta' Settembru 1945.[8] Dawn il-benefikati ġew stmati mill-perit tekniku tal-valur ta' mitejn lira maltija (Lm200), illum erba' mija ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87ċ). Lill-kontendenti bejniethom imisshom kumpens fil-valur ta' nofs minn dawn il-benefikati. Permezz tal-verbal magħmul fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2013, il-partijiet qablu li jaċċettaw l-istima peritali fir-rigward ta' dawn il-benefikati.[9]

Il-perit tekniku ddikjara wkoll li dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti.

Apparti l-beni deskritti u stmati mill-perit tekniku, rriżulta li kien hemm ukoll għall-qasma, biċċa raba oħra magħrufa

[7] A fol.126
[8] Aa kopja a fol.13 -15
[9] A fol.177

"tar-Ramla", limiti tax-Xagħra, Għawdex, tkejjel madwar mija sebgħa u tmenin metru kwadru (187m.k.), tmiss nofsinhar ma' passaġġ pubbliku, tramuntana ma' beni ta' John Refalo u punent ma' beni ta' John Cremona. Dan ir-raba ma kienx ġie stmat mill-perit tekniku, billi dakinhar ma kienx għadu magħruf fejn jinsab. Imma permezz ta' Nota tat-23 ta' Awwissu 2013, il-partijiet esebew kopja tas-*survey sheet* tal-inħawi, bir-raba in kwistjoni indikat fuqha,[10] u ddikjaraw li jaqblu li l-valur ta' dan ir-raba huwa ta' elfejn euro (€2000).

Permezz tan-Nota tagħhom tal-24 ta' Diċembru 2012 l-atturi taw spjegazzjoni ta' kif kienu l-kwoti spettanti lill-kondividendi minn dawn il-beni ereditarji, u ddikjaraw li kienu ġia ħallsu lil uħud mill-konvenuti s-sehem spettanti lillhom mill-valur tal-benefikati fuq il-fond imħolli bi prelegat lil Dolores Galea.[11] Fil-verbal magħmul seduta stante fid-19 ta' Frar 2013, il-konvenuti ddikjaraw li jaqblu ma' dak li ġie mfisser f'din in-Nota.[12]

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel tliet talbiet;

2. Tilqa' wkoll ir-raba' talba u tordna (a) l-immissjoni fil-pussess tal-werrieta ta' Dolores Galea fil-prelegat tal-fond numru dsatax (19) Triq Ħamet, illum Triq tal-Qaċċa, Xagħra, ordnat mid-decujus Albert Galea a favur tagħha, u (b) tiddikjara li l-beni in diviżjoni huma dawk deskritti u stmati mill-perit tekniku, l-A.I.C. Saviour Micallef fir-relazzjoni tiegħu, kif spjegat f'din is-sentenza, flimkien mar-raba tar-Ramla limiti tax-Xagħra, Għawdex, kif deskritta fin-Nota tal-atturi tal-24 ta' Diċembru 2012 u stmata tal-valur ta' elfejn euro (€2000) mill-kontendenti stess;

3. Tilqa' l-ħames u sitt talba;

[10] Ara Dok.CG 1 anness ma' din in-Nota
[11] Ara din in-Nota a fol.167, u d-dokumenti maghha annessi a fol. 169 -173
[12] A fol.174

4. Tiċħad is-seba' talba billi dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti; u

5. Tilqa' t-tmien talba' u tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' dawn il-beni, sabiex ir-rikavat, wara li jinqatgħu l-ispejjeż, jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti indikati fin-Nota tal-atturi tal-24 ta' Diċembru 2012; b'dana illi l-atturi għandhom iħallsu lil dawk mill-konvenuti li għadhom ma rċevewx kumpens għall-benefikati magħmula fil-fond imħolli bi prelegat lil Dolores Galea, is-sehem tagħhom mill-valur ta' dawn il-benefikati, kif stmati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija waħda għad-diviżjoni ta' beni pposseduti in komun, għandhom jiġu ssoportati mill-kontendenti kollha, kulħadd skond is-sehem spettanti lilu minn dawn l-ereditajiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------